

32000D0367

6.6.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 133/26

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-3 ta' Mejju 2000****li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward tal-klassifika ta' reżistenza għan-nar ta' prodotti għall-bini, xogħlijiet ta' bini u xi partijiet minnhom**

(notifikati taħt id-dokument numru K(2000) 1001)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/367/KE)

IL-KUMMISSJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u b' mod partikolari Artikoli 3 (6) u 20 tagħha,

Billi:

- (1) Artikolu 3(2) u (3) ta' Direttiva 89/106/KEE jiddikjaraw li, sabiex jittieħed kont ta' livelli differenti ta' protezzjoni għal xogħlijiet ta' bini li jistgħu jipprevalu fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali jew lokali, kull ħtieġa essenzjali tista' wkoll tikkawża l-istabbiliment ta' klassijiet tad-dokumenti interpretattivi. Dawk id-dokumenti ġew ippubblikati bħala l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ⁽³⁾.
- (2) Il-Paragrafu 4.2.1 tad-dokument interpretattiv Nr 2 jiġġustifika il-bżonn ta' livelli differenti tal-ħtieġa essenzjali "Sigurtà f'każ ta' nar" bħala funzjoni tat-tip, l-użu u l-post tax-xogħol għall-bini, kif inhu mqassam u d-disponibilità tal-faċilitajiet ta' emerġenza.
- (3) Il-Paragrafu 2.2 tad-dokument interpretattiv Nr 2 jelenka numru ta' miżuri interrelatati għas-sodisfazzjon tal-ħtieġa essenzjali "Sigurtà f'każ ta' nar" li flimkien jikkontribwixxu għad-definizzjoni ta' l-istrateġija ta' sigurtà f'każ ta' nar li tista' tiġi żviluppata f'modi differenti fi Stati Membri.
- (4) Il-Paragrafu 4.3.1.3 tad-dokument interpretattiv Nr 2 jidentifika waħda minn dawn il-miżuri li jipprevalu fl-Istati Membri li jirrelataw mar-rendiment tar-resistenza għan-nar ta' prodotti għall-bini u/jew xi partijiet ta' xogħlijiet ta' bini.
- (5) Sabiex tiġi permessa reżistenza għall-operat tan-nar ta' prodotti għall-bini u xogħlijiet ta' bini jew partijiet tagħhom li għandhom jiġu vvalutati, is-soluzzjoni armonizzata tikkonsisti f'sistema ta' klassijiet li hija nkluża fid-dokument interpretattiv Nr 2.

⁽¹⁾ ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.⁽²⁾ ĠU L 220, 30.8.1993, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 62, 28.2.1994, p. 1.

- (6) Din is-sistema ta' klassijiet ġiet addattata għall-progress tekniku f'mandat mill-Kummissjoni lil korpi standardizzati Ewropej, Cen u Cenelec.
- (7) Artikolu 6(3) tad-Direttiva 89/106/KEE jiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw il-livelli ta' rendiment li għandhom jiġu osservati fit-territorju tagħhom fil-klassifiki adottati fuq livell Komunitarju u soġġett biss għall-użu tal-klassijiet kollha jew ftit minnhom jew għal klassi waħda.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sistema ta' klassifika adottata fil-livell Komunitarju għar-rendiment tar-resistenza għan-nar ta' prodotti għall-bini, xogħlijiet ta' bini u partijiet minnhom għandha tiġi stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-3 ta' Mejju 2000.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

DEFINIZZJONIJIET, TESTIJET U KRITERJI TA' OPERAZZJONI

Id-definizzjonijiet rilevanti, it-testijiet u l-kriterji ta' operazzjoni huma kompletament deskritti fi, jew referenzjati mill-istandards Ewropej imsemmija f'dan l-Anness.

SIMBOLI

R	Il-Kapaċità ta' tagħbija
E	L-Integrità
I	L-Insulazzjoni
W	Ir-Radjazzjoni
M	L-azzjoni mekkanika
C	Egħluq awtomatiku
S	Ħruġ ta' duħħan
P or PH	Il-Kontinwità tal-fornitura ta' elettriku u/jew sinjal
G	Resistenza għan-nugrufun
K	Abilità tal-protezzjoni kontra n-nar

Noti:

1. Il-klassifika li ġejjin huma espressi f'minuti sakemm mhux speċifikat mod ieħor.
2. L-istandards Ewropej EN 13501-2, EN 13501-3 (klassifika) u EN 1992-1.2, EN 1993-1.2, EN 1994-1.2, EN 1995-1.2, EN 1996-1.2, EN 1999-1.2 (Ewrokodiċi) msemmija f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu soġġetti għall-istess proċeduri ta' salvagwardja kif deskritt f'Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/106/KEE.

KLASSIFIKA

1. Elementi li jfilhu t-tagħbija mingħajr funzjoni ta' separazzjoni tan-nar

Japplika għal	ħitan, pavimenti, soqfa, travi, kolonni, gallariji, turġien, passaġġi									
Standard(s)	EN 13501-2; EN 1365-1,2,3,4,5,6; EN 1992-1.2; EN 1993-1.2; EN 1994-1.2; EN 1995-1.2; EN 1996-1.2; EN 1999-1.2									
Klassifika:										
R	15	20	30	45	60	90	120	180	240	360
Noti	—									

2. Elementi li jfilhu t-tagħbija b'funzjoni ta' separazzjoni tan-nar

Japplika għal	Ħitan									
Standard(s)	EN 13501-2; EN 1365-1; EN 1992-1.2; EN 1993-1.2; EN 1994-1.2; EN 1995-1.2; EN 1996-1.2; EN 1999-1.2									
Klassifika:										
RE		20	30		60	90	120	180	240	
REI	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
REI-M			30		60	90	120	180	240	
REW		20	30		60	90	120	180	240	
Noti	—									

Japplika għal	Pavimenti u soqfa									
Standard(s)	EN 13501-2; EN 1365-2; EN 1992-1.2; EN 1993-1.2; EN 1994-1.2; EN 1995-1.2; EN 1999-1.2									
Kalssifika:										
RE		20	30		60	90	120	180	240	
REI	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
Noti	—									

3. Prodotti u sistemi għall-protezzjoni ta' elementi li jifilħu t-tagħbija jew partijiet tax-xogħlijiet.

Japplika għal	Soqfa mingħar reżistenza indipendenti għan-nar									
Standard(s)	EN 13501-2; ENV 13381-1									
Klassifika: espressa bl-istess termini bħal għall-element li jiflaħ it-tagħbija li qiegħed jiġi protett										
Noti	Jekk jissodisfa wkoll il-htigiet fir-rigward tan-nar "semi-naturali", is-simbolu "sn" jizdied mal-klassifika.									

Japplika għal	Kisi, rivestimenti u grilji ta' protezzjoni kontra n-nar									
Standard(s)	EN 13501-2; ENV 13381-2 sa 7									
Klassifika: espressa fl-istess termini bħal għall-element li jiflaħ it-tagħbija li qiegħed jiġi protett										
Noti	—									

4. Elementi li ma jifilħux it-tagħbija jew partijiet tax-xogħlijiet u prodotti għalhekk

Japplika għal	partizzjonijiet (inklużi dawk li jinkorporaw porzjonijiet mhux insulati)									
Standard(s)	EN 13501-2; EN 1364-1; EN 1992-1.2; EN 1993-1.2; EN 1994-1.2; EN 1995-1.2; EN 1996-1.2; EN 1999-1.2									

Klassifika:										
E		20	30		60	90	120			
EI	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
EI-M			30		60	90	120			
EW		20	30		60	90	120			
Noti	—									

Japplika għal	Soqfa b'resistenza indipendenti għan-nar									
Standard(s)	EN 13501-2; EN 1364-2									

Klassifika:										
EI	15		30	45	60	90	120	180	240	
Noti	Il-klassifika hija kkompletata b' "(a → b)", "(b → a)", or "(a ↔ b)" sabiex jiġi indikat jekk l-element ġiex ikkontrollat u jissodisfax il-ħtiġiet ta' fuq jew ta' taħt biss jew it-tnejn.									

Japplika għal	Faċċati (ħitan ta' purtieri) u ħitan estern (inklużi elementi bil-ħġieġ)									
Standard (s)	EN 13501-2; EN 1364-3,4,5,6; EN 1992-1,2; EN 1993-1.2; EN 1994-1.2; EN 1995-1.2; EN 1996-1.2; EN 1999-1.2									
Klassifika:										
E	15		30		60	90	120			
EI	15		30		60	90	120			
EW		20	30		60					
Noti	Il-klassifika hija kkompletata b' "(i → o)", "(o → i)", jew "(i ↔ o)" sabiex jindikaw jekk l-elemtent ġiex ikkontrollat u jisodisfax il-ħtiġiet minn ġewwa jew minn barra biss jew tat-tnejn. Meta meħtiegħ, l-istabbiltà mekkanika tfigher li ma hemm ebda partijiet li jaqgħu x'li x' aktarx jikkawżaw dannu personali tul iż-żmien għall-klassifika E jew E1.									
Japplika għal	Pavimenti elevati									
Standard (s)	EN 13501-2; EN 1366-6									
Klassifika:										
R	15		30							
RE			30							
RE1			30							
Noti	Il-klassifika hija kkompletata biż-żieda tas-suffiss "R" sabiex jindika reżistenza kompleta għan-nar jew "r" sabiex jindika espożizzjoni għat-temperatura mnaqqa konsistenti ta' l-espożizzjoni biss.									
Japplika għal	Siġilli kontra l-penetrazzjoni u siġilli lineari kontra spazji									
Standard (s)	EN 13501-2; EN 1366-3,4									
Klassifika:										
E	15		30	45	60	90	120	180	240	
E1	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
Noti	—									
Japplika għal	Bibien u persjani tan-nar (inklużi dawk li jinkorporaw ħġieġ u oġġetti solidi) u l-apparat għall-egħluq tagħhom									
Standard (s)	EN 13501-2; EN 1634-1									
Klassifika:										
E	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
E1	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
EW		20	30		60					
Noti	Il-klassifika I hija kkompletata biż-żieda tas-suffiss "1" jew "2" sabiex jindika liema definizzjoni ta' insulazzjoni hija wżata. Iż-żieda tas-simbolu "C" jindika li l-prodott jissodisfa wkoll il-kriterju ta' "egħluq awtomatiku" (it-test jgħaddi/ma jgħaddix). ⁽¹⁾									

⁽¹⁾ Il-klassifika "C" tista' tiġi kkompletata biċ-ċifri 0 sa 5 skond il-kategorija ta' l-użu. Id-dettalji għandhom jiġu nklużi fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-prodott rilevanti.

Japplika għal	Bibien għal kontroll tad-duħħan
Standard (s)	EN 13501-2; EN 1634-3

Klassifika: S₂₀₀ jew S₁ jiddependi fuq il-kondizzjonijiet tat-test sodisfatti

Noti	Iż-żieda tas-simbolu "C" tindika li l-prodott jissodisfa wkoll il-kriterju ta' "egħluq awtomatiku" (jgħaddi/ma jgħaddix it-test) ⁽¹⁾
------	---

⁽¹⁾ Il-klassifika "C" tista' tiġi kkumplementata biċ-ċifri 0 sa 5 skond il-kategorija ta' użu. Id-dettalji għandhom jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-prodott rilevanti.

Japplika għal	Egħluq għal ċineg ta' transport u sistemi ta' transport marbutin b' passaġġ fiss
Standard (s)	EN 13501-2; EN 1366-7

Klassifika:

E	15		30	45	60	90	120	180	240	
E1	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
EW		20	30		60					

Noti	Il-klassifika I hija kkompletata biż-żieda tas-suffiss "1" jew "2" sabiex jindika liema definizzjoni ta' insulazzjoni hija wżata. Iż-żieda tas-simbolu "C" tindika li l-prodott jissodisfa wkoll il-kriterju ta' "egħluq awtomatiku" (it-test jagħaddi/ma jgħaddix) ⁽¹⁾ .
------	--

⁽¹⁾ Il-klassifika "C" tista' tiġi kkumplementata biċ-ċifri 0 sa 5 skond il-kategorija ta' użu. Id-dettalji għandhom jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-prodott rilevanti.

Japplika għal	Passaġġi għal sub servizzi u xaftijiet
Standard (s)	EN 13501-2; EN 1366-5

Klassifika:

E	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
E1	15	20	30	45	60	90	120	180	240	

Noti	Il-klassifika I hija kkompletata b' "(i → o)", "(o → i)", jew "(i ↔ o)" sabiex jiġi indikat jekk l-elemtent ġiex ikkontrollat u jissodisfax il-ħtiġiet minn ġewwa jew minn barra biss jew it-tnejn li huma. B' żieda, s-simboli "v", u/jew "h", jindikaw l-adattabilità għal użu vertikali u/jew orizzontali.
------	---

Japplika għal	ċumniji
Standard (s)	EN 13501-2; EN 13216

Klassifika: Ġ + distanza f mm (e.ż. G 50)

Noti	Id-distanza mhijiex meħtieġa għal prodotti inkorporati
------	--

Japplika għal	hitán u kisi tal-ħitan
Standard (s)	EN 13501-2; EN 13381-8

Klassifika: K

Noti	Test jgħaddi/ma jgħaddix
------	--------------------------

5. **Prodotti għal użu f'sistemi ta' ventilazzjoni (esklużi l-ventilazzjoni tad-duħħan u ta l-ispurġar tas-sħana).**

Japplika għal	ventilaturi									
Standard(s)	EN 13501-3; EN 1366-1									
Klassifika:										
E1	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
E			30		60					
Noti	Il-klassifika I hija kkompletata b' "(i → o)", "(o → i)", jew "(i ↔ o)" sabiex jiġi indikat jekk l-element ġeox ikkontrollat u jissodisfax il-ħtiġiet minn ġewwa jew minn barra biss jew it-tnejn li huma. B'żieda, s-simboli "v", u/jew "h", jindikaw l-adattabilità għal użu vertikali u/jew orizzontali. Iż-żieda tas-simbolu "S" tindika s-sodisfazzjon ta' restrizzjoni oħra fuq iċ-ċarċir.									
Japplika għal	Apparat għat-tifi tan-nar									
Standard(s)	EN 13501-3; EN 1366-2									
Klassifika:										
E1	15	20	30	45	60	90	120	180	240	
E			30		60	90	120			
Noti	Il-klassifika I hija kkompletata b' "(i → o)", "(o → i)", jew "(i ↔ o)" sabiex jiġi indikat jekk l-element ġeox ikkontrollat u jissodisfax il-ħtiġiet minn ġewwa jew minn barra biss jew it-tnejn li huma. B'żieda, s-simboli "v", u/jew "h", jindikaw l-adattabilità għal użu vertikali u/jew orizzontali. Iż-żieda tas-simbolu "S" tindika s-sodisfazzjon ta' restrizzjoni oħra kontra l-ħruġ.									

6. **Prodotti li għandhom jintużaw fis-servizzi**

Japplika għal	<i>Cables</i> elettriċi u <i>fibres-optic</i> u aċċessorji; <i>Conduits</i> u sistemi għall-protezzjoni tan-nar għal <i>cables</i>									
Standard(s)	EN 13501-3									
Klassifika:										
P	15		30		60	90	120			
Noti	—									
Japplika għal	<i>Cables</i> jew sistemi ta' l-elettriku jew ta' sinjal b' djametru żgħir (< 20 mm djametru u b' daqsijiet ta' kondutturi ≤ 2.5 mm ²)									
Standard(s)	EN 13501-3; EN 50200									
Klassifika:										
PH	15		30		60	90	120			
Noti	—									